ŻEBBUĠ

**<u>MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN</u> Nru. 16/2011**

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: Il-Ħamis, 25 ta' Awwissu 2011**

**Ħin: Fil-5.00 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Emanuel Debono – Deputat Chairperson**
- **Is-Sur Victor Refalo – Membru**
- **Is-Sur George Sacco – Membru**
- **Is-Sur Joseph Zammit – Membru**
- **Il-Kav. Carmelo Saliba – *Ex Officio***
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Maria Saliba.

## 1. <u>TALBA</u>

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. <u>ATTIVITAJIET ĠEWWA MARSALFORN</u>

Iċ-Chairperson tkellmet dwar l-attivita' li t-Taqsima tal-Kultura – Ministeru għal Għawdex ser torganizza nhar l-24 ta' Settembru 2011 f' Marsalforn.

Iċ-Chairperson tkellmet ukoll dwar it-*talent show* li hu propost li jsir għat-tfal li attendew Skola Sajf f' Marsalforn.

Għall-għeluq tal-istaġun, il-Viċi Chairperson ippropona li ssir attivita' tal-baħar.

Il-Kumitat unanimament qabel li jorganizza Bandafest mat-toroq ta' Marsalforn il-Ħadd 28 ta' Awwissu 2011 mill-Banda Santa Marija Żebbuġ.

Iċ-Chairperson qalet li għandha proposta biex jitpoġġew żewġ settijiet *bring-in sites* għall-użu tal-istabbilimenti ta' Marsalforn fil-Menqa u fl-inħawi ta' Triq il-Wied.  Suġġett għad-diskussjoni f' laqgħa oħra.

Il-laqgħa ntemmet fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Maria Saliba**
***Chairperson***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***